MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Rikors Ta Revoka Numru. 258/2006

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Eżekuttiv Numru 163/06 fl-ismijiet:**

**John Mary ĊIAPPARA**

**vs**

**Carmel *sive* Charles GAUĊI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Carmel Gauċi fl-4 ta’ Awissu, 2006, li bih talab għall-finijiet tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li din il-Qorti tħassar għal kollox il-Mandat ta’ Sekwestru hawn fuq imsemmi maħruġ kontrih fis-7 ta’ Lulju, 2006, minn John Mary Ċiappara;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta’ Awissu, 2006, li bih ordnat li r-rikors jitqiegħed għas-smigh tal-14 ta’ Awissu, 2006, u

ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat eżekutant bi tlitt ijiem għat-Tweġiba;

Rat li l-intimat ma kienx notifikat fil-ħin qabel l-imsemmi smigħ, u kien biss fit-2 ta' Ottubru, 2006, li saret tali notifika;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant John Mary Ċiappara fil-5 ta' Ottubru, 2006, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrent eżekutat billi, qabel kull ħaġa oħra qal li l-proċedura wżata mir-rikorrent ma kinitx xierqa, imma messu nqeda bi proċedura oħra li tagħtih il-liġi. Laqa' wkoll b'argumenti fil-mertu, u seħaq li l-Mandat inħareġ sewwa u m'hemm l-ebda raġuni tajba biex jitħassar;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, l-atti tal-Mandat li għalih jirreferi, u, safejn kien meħtieġ u rilevanti, l-atti tal-kawża 1937/99 maqtugħa minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-30 ta' Ġunju, 2004;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ottubru, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Din hija azzjoni biex twaqqa' Mandat Eżekuttiv. Ir-rikorrent irid li l-Mandat Eżekuttiv li ħareġ kontrih l-intimat Ċiappara jitwaqqa' għal kollox għaliex jgħid li l-ammont mitlub bħala sorti tal-Mandat huwa ħażin u ma setax jintalab kollu mill-istess intimat. Ir-rikorrent ifisser dan l-ilment billi jgħid li t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu ntalab il-ħruġ tal-Mandat huwa t-Taxxa Ġudizzjarja tal-ispejjeż tal-kawża maqtugħa fit-30 ta' Ġunju, 2004, fejn, madankollu, f'dik is-sentenza l-Qorti kienet qatgħetha li parti mill-ispejjeż kellu jħallashom hu u parti oħra kellu jħallashom l-intimat Ċiappara. Fis-sorti msemmija fil-Mandat, Ċiappara għażel li jitlob il-ħlas tal-ispejjeż taxxati kollha, magħduda magħhom dawk li, skond is-sentenza, kellu jbatihom Ċiappara nnifsu;

Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat eżekutant Ċiappara jqis din il-kawża bħala aġir ta' inkejja min-naħa ta' Gauċi biex ikompli jġarrbu u ma jħallihx bi kwietu. L-intimat jgħid li Gauċi messu attakka t-taxxa tal-ispejjeż bil-proċedura li l-liġi taħseb għaliha għal dan l-għan u mhux jipprova jċaħħdu wkoll minn dak li jistħoqqlu jitħallas mingħandu wara sentenza li saret ġudikat. Huwa jgħid li l-Mandat inħareġ sewwa wara li kien ilu żmien jitlob lil Gauċi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

Illi jirriżulta li s-sentenza li bis-saħħa tagħha nħarġet it-taxxa ġudizzjarja li tikkostitwixxi, skond l-intimat, it-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu talab il-ħruġ tal-Mandat, kienet tagħmilha ċara[1] li l-attur f'dik il-kawża (jiġifieri r-rikorrent tal-lum) kellu jbati l-ispejjeż tal-azzjoni (flimkien ma' mart l-intimat), filwaqt li l-imħarrek (jiġifieri l-intimat tal-lum) kellu jbati l-ispejjeż kollha tal-kontro-talba. Meta nħareġ il-Mandat, biċċa mill-ammont li jifforma s-sorti tal-mandat kien jinkludi dik il-parti tal-ispejjeż ġudizzjarji taxxati għall-kontro-talba. Ir-rikorrenti jgħid li, minħabba f'hekk, hemm nuqqas fil-Mandat li jġibu ma jiswiex. Jirriżulta wkoll li f'Lulju ta' din is-sena, r-rikorrent ressaq talba quddiem il-Qorti biex l-imsemmi Mandat jitwaqqa' u biex l-intimat eżekutant jiġi kundannat iħallas penali. Dik it-talba ma ntlaqgħetx, għaliex it-talba kienet saret għall-finijiet tal-artikolu 836 li ma jgħoddx għall-Mandati eżekuttivi, imma biss għal dawk kawtelatorji;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ</u> jibda biex jingħad li l-Qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 283A fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-

[1] Dok "CG2", f'paġ. 4 tal-proċess

istess att eżekuttiv ikun inħareġ[2]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[3]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. L-istedina li l-intimat Ċiappara għamel lil din il-Qorti biex tqis it-tbatija u l-umiljazzjoni li għaddih minnha r-rikorrent matul il-kawża fil-mertu m'għandhiex postha f'din il-proċedura. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet u mhux li tiddeċiedi fuq kemm xi parti jew oħra jistħoqqilha 'l min jitħassarha aktar mill-parti l-oħra. Wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar

[2] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[3] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżekuttiv. Jekk il-persuna li kontra tagħha jinħareġ Mandat jidhrilha li kien hemm mottivi qarrieqa jew ta' kattiverja f'moħħ min talab il-ħruġ tal-Mandat, tali persuna għandha rimedji oħrajn imma mhux il-proċedura taħt l-artikolu 283A;

Illi r-rikorrent m'huwiex qiegħed jgħid li t-taxxa ġudizzjara dwar l-ispejjeż tal-kawża m'hijiex maħduma sewwa, jew li dik it-taxxa ma tiswiex: qiegħed jgħid biss li għalkemm fil-kolonna tal-ispejjeż tal-konvenut (l-intimat Ċiappara) tniżżlu wkoll l-ispejjeż marbutin mal-azzjoni rikonvenzjonali, Ċiappara għamel ħażin li talab ukoll il-ħlas tagħhom mingħand ir-rikorrent meta s-sentenza qalet ċar u tond li dawk l-ispejjeż kellu jbatihom hu (jiġifieri Ċiappara). Kemm hu hekk, ir-rikorrent jgħid li dak li huwa tassew dovut minnu lest li jħallsu hekk kif jiġi determinat l-ammont;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, jidher li l-Mandat inħareġ fuq il-bażi li t-titolu eżekuttiv għadu fis-seħħ. Mad-daqqa t'għajn, jidher li l-Mandat iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu[4] u ċertament inħareġ minn Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Reġistratur tal-Qrati. Iżda l-Qorti qegħda tqis li, minn eżami aktar bir-reqqa tal-istess Mandat, joħroġ dettal li fil-fehma tagħha jħoll u jorbot il-kwestjoni kollha mressqa quddiemha. Dan id-dettal isemmih l-intimat innifsu u joħroġ mill-kawżali msemmija fil-Mandat. Il-Mandat inħareġ skond l-artikolu 253(ċ) tal-Kapitolu 12;

Illi minn dak li l-Qorti għandha quddiemha fl-atti, t-titolu li fuqu jistrieħ l-eżekutant Ċiappara biex talab il-ħruġ tal-Mandat m'huwiex titolu favurih, imma favur avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit arkitett jew perit ieħor imqabbad minn Qorti. L-eżekutant ma kellu l-ebda waħda minn dawn il-kwalitajiet fil-kawża li taħtha l-Mandat inħareġ. L-ispejjeż taxxati f'kawża, fil-fehma tal-Qorti u minn kliem il-liġi, m'humiex titolu ta' parti f'dik il-kawża

[4] Art. 274 tal-Kap 12

kontra l-parti(jiet) l-oħra[5]. Kieku l-kawżali kienet mibnija fuq is-sentenza li setgħet ingħatat fil-kawża, l-argument kien ikun għal kollox differenti;

Illi f'dan ir-rigward insibu mgħallem u stabilit il-prinċipju li t-taxxi ġudizzjarji maħsuba fil-Kodiċi Proċedurali Malti "*constitute executive titles between the said persons* (jiġifieri l-avukati, prokuraturi legali, nutara u periti arkitetti dwar xogħol imwettaq minnhom fuq ħatra minn Qorti) *and the client or the contending party, and **not** in the relations between one party and the other, because in these relations the executive title is the judgment*"[6]. Fil-każ li għandna quddiemna, l-Mandat inħareġ fuq talba ta' l-intimat Ċiappara u mhux fuq talba tal-avukat tiegħu;

Illi ladarba dawk l-ispejjeż kienu marbutin mal-kawża kif maqtugħa, u ladarba s-sentenza titkellem speċifikatament dwar min mill-partijiet kellu jħallas liema parti mill-ispejjeż tal-kawża, l-intimat ma jistax ħlief jesegwixxi **s-sentenza** (li hija t-titolu eżekuttiv waħdieni li tassew jista' jesegwixxi fil-konfront tar-rikorrent Gauċi) u allura ma jistax jesegwiha ħlief skond ma hija stess tipprovdi. Hawnhekk, mhux il-każ – kif donnu jissuġġerixxi r-rikorrent – li Ċiappara joqgħod jitlob li ssir taxxa li tispartixxi liema huma l-ispejjeż li għandhom jitbatew minnu u dawk l-oħrajn li jmissu jħallashom ir-rikorrent. Minn qari tat-taxxa nnifisha kif maħruġa (u bis-sehem *bona fide* taż-żewġ avukati esperti taż-żewġ partijiet), l-eżerċizzju għad-determinazzjoni tal-ispartizzjoni tal-ispejjeż fuq ir-rispettivi partijiet m'għandux ikun wieħed iebes jew impossibbli;

Illi dan kollu jwassal biex il-Qorti ssib li kien hemm nuqqas *ab initio* fil-Mandat maħruġ mill-intimat eżekutant Ċiappara li, fil-qafas ta' din is-sura ta' azzjoni, jaqa' sewwasew fl-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti biex tqis jekk għandhiex tħassar il-Mandat;

Illi, għalhekk, lill-Qorti jirriżultalha li hemm raġuni tajba biex l-istess Mandat jiġi attakkat;

---

[5] P.A. GCD **29.11.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Marianne Ellul vs HSBC Bank Malta plc***

[6] Caruana <u>Notes on Civil Procedure</u> (University of Malta), paġ. 1466

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent eżekutat** u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 163/06 maħruġ fis-7 ta' Lulju, 2006, fl-ismijiet premessi. Fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha terfa' **l-ispejjeż tagħha**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------